**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **52**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar Il-Ħamis 7 ta' Awwissu, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| L-Imdina: | Kunsilliera is-Sa Maryanne Sultana |
| Ħaż-Żebbuġ: | Viċi Sindku is-Sur Joseph Agius |
| Ħad-Dingli: | Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |
| L-Imqabba | Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Il-Qrendi: | Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ir-Rabat: | Viċi Sindku is-Sur Matthew Chetcuti |
| Ħal Safi | Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Siġġiewi: Sindku s-Sur Julian Borg

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:50 ta' filgħaxija.

**52.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

52.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-s-Sindku tas-Siġġiewi s-Sur Julian Borg

**52.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 51;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 51 li saret nhar it-17 ta' Lulju 2025.

Sekondant: is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**52.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

52.03.01 Wara li fl-aħħar laqgħa il-President qal li staqsa lid-Direttur tal-Finanzi għal direzzjoni fuq servizzi minn għaqdiet volontarji u jekk humiex eżentati mill-VAT. Is-Sindku ta' Ħal Safi qal li tkellem mal-Kor Sine Macula sabiex jirreġistraw bħala VO. Il-President spjega li l-unika eżenzjoni hija għal attivitajiet reliġjużi

52.03.02 Proġett Pilota Tazza Waħda – Is-Sindku ta' Ħal Safi qal li it-tazzi inxtraw u jispera li jaslu sa qabel il-festa tar-raħal. Is-Sindku xtaq li ssir inawgurazzjoni ta' dan il-proġett flimkien mar-Reġjun

52.03.03 Il- President qal li kellu laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-ġbir ta' skart bil-lejl mad-DLG, Ministeru, TM u AKL nhar il-05.08.25. Il-President qal li inħass li din id-deċiżjoni qed tiġi imposta għaliex id-deċizjoni ittieħdet qabel saret il-konsultazzjoni. Il-President wassal il-messaġġ li l-maġġoranza tas-Sindki kienu kontra l-ġbir tal-iskart bil-lejl. Is-Sur Fava staqsa jekk sarx xi studju li jipprova li l-iscammels qed jżidu it-traffiku. Il-President talab li kull Kunsill jagħti id-deċiżjoni bil-miktub favur jew kontra l-ġbir tal-iskart bil-lejl sal-4 ta' Settembru.

52.03.04 Il-Viċi President attenda għal AGM tal-JMI ġewwa Debrechen l-Ungerija. Waqt il-laqgħa ingħatat spjegazzjoni ta' x'kien jinvolvi u tkellem ukoll dwar il-possibilta' li dan l-AGM jiġi organizzat Malta fit-2027.

52.03.05 Ir-Reġjun Punent issometta l-applikazzjoni għar-Regional Cooperation Programme 2025 imniedi mill-Kunsill Malti għall-Arti. Il-proġett bl-isem 'Darba Waħda fil-Villaġġ/ Once Upon a Village' se jkun qed jagħti opportunita' lit-tfal tar-Reġjun Punent sabiex jipparteċipaw f'sensiela ta' sessjonijiet biex jesponu tradizzjonijiet sbieħ tal-lokalitajiet tagħhom.

52.03.06 Ir-Regional Managers forum organizzat mid-DLG sar nhar 23.07.25

## 52.04 Kommunikazzjoni mill-President

52.04.01 Nhar id-17.07.25 il-President irringrazzja lill-Ministru Camilleri għal fond ta' €80,000 li r-Reġjun Punent akkwista fis-sena 2022 relatat mill-proġett tac-CCTV li ġie jiswa €130,000.

52.04.02 Nhar is-17.07.25 irċivejna l-aġenda għal M-insular workshop li ser issir nhar il-25.07.25.

52.04.03 Nhar 17.07.25 il-maniġier tal-iskart informa lill-kunsill lokali ta' Ħal Safi dwar l-idea tat-tazzi *reusable* waqt il-festa tar-raħal. Din l-inizjattiva tistà titħol taħt il-fond reġjonali għas-separazzjoni tal-iskart (3K), bl-għan li jitnaqqas l-iskart li jiġi iġġenerat.

52.04.04 Nhar is-17.07.25 irċivejna stedina mill-EUPA għal sessjoni ta' informazzjoni online. L-iskop ta' din is-sessjoni hi sabiex niġu infurmati kif nistgħu nibbenifikaw minn opportunitajiet ta' finanzjament ta' Erasmus+ jew tal-korp ewropew ta' solidarjetà.

52.04.05 Nhar it-18.07.25 infurmajna lill-Assoċjazzjoni li bħala Reġjun nixtiequ nipparteċipaw fl-All Digital Summit.

52.04.06 Nhar il-21.07.25 il-President tal-ANSEK, irrefera għall-inizjattiva sabiex il-Kunsilli Lokali jibdew jilqgħu l-ħlasijiet tal-kontijiet tal-ilma u d-dawl (ARMS). Informa li filwaqt li ANSEK tappoġġja l-għoti ta' servizzi addizzjonali lill-komunitajiet, ħassu l-ħtieġa li jesprimu tħassib serju dwar l-implikazzjonijiet prattiċi u strateġiċi ta' din l-inizjattiva

52.04.07 Nhar it-23.07.25 saret il-laqgħa bejna ir-Reġjun Punent u is-Sur Svetlick Flores CEO LESA.

52.04.08 Nhar l-24.07.25 il-Maniġier tal-iskart informa lill-Wasteserv li l-ġbir tal-ħġieġ nhar il-15.08.25 ser issir normali.

52.04.09 Nhar il-25.07.25 il-Maniġier tal-Ambjent informa lill-Kunsilli Lokali ta' Ħad-Dingli, ir-Rabat, L-Imdina, Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi li l-installazzjoni tat-totem poles ser issiru nhar il-Ħamis il-31.07.25.

52.04.10 Nhar il-25.07.25 irċivejna stqarrija mill-Ministeru għall-Kultura, Arti u Gvern Lokali u l-Ministeru għall-Intern,Sigurtà u x-Xogħol fejn ġie imħabbar investiment ta' Eur 600,000 għall-għaqdiet volontarji li jtellgħu avvenimenti fil-komunitajiet tagħna.

52.04.11 Nhar it-28.07.25 ġejna infurmati li l-approvazzjoni għall-aħħar talba fir-rigward POC No - 65/2025 - Request for Endorsement and Permission to Issue Defaults on Waste Collection Tender (CT2136/2022) - Reġjun Punent hija sospiża sakemm joħroġ ir-riżlutat tal-laqħa bejn il-PS MCLG, id-DLG u Id-DOC.

52.04.12 Nhar it-28.07.25 irċivejna mill-assoċjazzjoni komunikat mibgħut mingħand CCRE. Il-Kummissjoni Ewropea nediet żewġ sejħiet ġodda:

1. Qafas Integrat għar-Reżiljenza għall-Klima u l-Ġestjoni tar-Riskju Ewropew li se jsir pakkett ta' politika ġdid ewlieni sa tmiem l-2026. Din l-inizjattiva għandha l-għan li ssaħħaħ it-tħejjija tal-Ewropa għar-riskji klimatiċi dejjem jikbru—bħal mewġiet ta' sħana, nixfiet, u għargħar—billi ttejjeb l-ippjanar, il-governanza, l-użu tad-dejta, il-finanzjament u l-allinjament regolatorju. Se tinkludi kemm miżuri leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi u se taffettwa direttament kif ir-riskji klimatiċi jiġu vvalutati u ġestiti madwar l-UE.

2. Simplifikazzjoni tal-piżijiet amministrattivi fil-leġiżlazzjoni ambjentali (omnibus): Il-Kummissjoni Ewropea qed tħejji proposta leġiżlattiva (Q4 2025) biex tnaqqas il-piż

amministrattiv u tissimplifika l-proċeduri fil-liġijiet ambjentali eżistenti—partikolarment fl-oqsma tal-ekonomija ċirkolari, l-iskart, u l-emissjonijiet industrijali. L-inizjattiva għandha l-għan li tissimplifika l-proċessi ta' rappurtar u permessi. Fil-prattika, il-Kummissjoni timmira għal regoli aktar armonizzati dwar ir-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, simplifikazzjoni ta’ ċerti databases fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (eż. SCIP), u diġitalizzazzjoni tal-għodod ta’ rappurtar. Dan jista’ jaffettwa direttament kif il-muniċipalitajiet jirrappurtaw dwar l-iskart, jimmaniġġjaw l-obbligi tal-EPR, u jimmaniġġjaw il-proċessi tal-permessi.

52.04.13 Nhar id-29.07.25 irċivejna mill-arts council sabiex b’referenza għal proġett Darba Waħda fil-Villaġġ nibgħatu awdjoviżiv/portafoll li juri x-xogħol tal-applikant jew tal-kollaboratur kif rilevanti għall-proposta.

52.04.14 Nhar id-29.07.25 irċivejna mid-DLG fejn infurmawna li l-fondi relatati mall-SPI/SCI/3/2025 – Espressjoni ta’ Interess - Lokalitajiet aktar nodfa ġiet aċċettata.

52.04.15 Nhar id-29.07.25 il-maniġer tal-proġetti informa lis-Sindki kif ukoll lis-segretarji eżekuttivi li bħala Reġjun ser inkuu qed nipprovdu l-artezzaturi meħtieġa għal qtugħ taż-żebbuġ.

52.04.16 Nhar it-30.07.25 irċivejna statistika mill-ERA Q2. Il-President qal li għamel laqgħa mal-ERA sabiex jkun jista’ jifhem aħjar kif jingħataw il-multi. Hu ta’ spjega lis-Sindki dwar dan.

52.04.17- Nhar it-30.07.25 irċivejna mill-maltacrafts dwar Festa ilwien li ser issir nhar it-08.08.25- ġewwa Ta’ Qali.

52.04.18 Nhar it-30.07.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għaddiet informazzjoni dwar fondi relatati ma’ żewġ miżuri maħruġa mill-Fondazzjoni Gal Xlokk. Dawn kienu Miżura 3 - Marketing of Territory u Miżura 4 - Education and Research

52.04.19 Nhar il-31.07.25 il-Maniġer tal-iskart flimkien mal-President kellhom laqgħa mal-ERA.

52.04.20 Nhar il-31.07.25 irċivejna it-tielet allokazzjoni għas-sena 2025 li tammonta għal €551,912.21.

52.04.21 Nhar il-31.07.25 il-Viċi President bagħtilna korrispondenza mill-JMI wara l-preżentazzjoni tal-Kor Dinji taż-Żgħażagħ.

52.04.22 Nhar il-31.07.25 irċivejna l-linji gwida bl-aġġornamenti kollha, l-iskadenzi u informazzjoni relevanti għall-parteċipazzjoni fis-Summit Digitali.

52.04.23 Nhar il-31.07.25 irċivejna stqarrija mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u l-Innovazzjoni fejn Malta se tospita l-Commonwealth Youth Games (CYG) tal-2027

52.04.24 Nhar l-01.08.25 irċivejna newsletter tat-tieni kwart mill-Gozo Regional Development Authority fejn tenfasizza l-parteċipazzjoni, l-avvenimenti, pubblikazzjonijiet u l-akkwist minn April sa Ġunju 2025.

52.04.25 Nhar l-01.08.25 l-Assoċazzjoni għadditilna messaġġ rigward Young Public Intellectuals.

52.04.26 Nhar l-04.08.25 irċivejna Ċir AKL 2025/045_Request to Illuminate Landmarks in Purple for ‘Intersex Awareness Day’ (25–28 October) mibgħtua mid-Direttorat tad-drittijiet umani. Id-Direttorat tad-Drittijiet Umani flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwalità qed jorganizzaw avveniment bħala parti mill-impenn kontinwu ta' Malta lejn l-ugwaljanza.

52.04.27 Nhar l-04.08.25 is-Sur Fava b'referenza għal imejl mibgħuta mis-Sur Gatt informa li meta l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali giet avvicinata mill-entitajiet 'Identita' u 'ARMS' l-Assocjazzjoni talbet li ssir laqgha maghhom sabiex nifhmu ahjar dak li qed jitolbu.

52.04.28 Nhar il-05.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 001/2025_Mobility for Everyone- TM. Ser ikun hemm laqgħa dwar dan is-suġġett nhar 04.09.25.

52.04.29 Nhar il-05.08.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej irringrazzjat lill-GAL Xlokk għas-sessjoni informattiva dwar il-miżuri ta' finanzjament disponibbli permezz tal-GAL Xlokk. Staqsiet jekk il-proġetti sottomessi taħt dawn il-miżuri ta' finanzjament minn Reġjun Punent jistgħux jibbenefikaw biss lir-residenti ta' dawn il-ħames lokalitajiet, jew jekk jistgħux jestendu wkoll għal żoni oħra fir-reġjun tagħna li ma jaqgħux taħt il-GAL Xlokk.

52.04.30 Nhar il-05.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 002/2025 Kollaborazzjoni mal-CIWM: Opportunità ta' Skambju u Taħriġ fil-Qasam tal-Immaniġjar tal-Iskart.

52.04.31 Nhar il-05.08.25 irċivejna Cir AKL 2025/046_Manutenzjoni ta' Defibrillaturi Awtomatiċi Esterni (AED) taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsilli Lokali.

52.04.32 Nhar il-06.08.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u EU infurmat lill-Kunsilli Lokali u NGO's rigward laqgħa ta' informazzjoni organizzata minn GAL Xlokk li ser issir nhar il-08.08.25 fis-sala Parrokkjali taż-Żejtun fil-5.00pm kif ukoll onlajn.

52.04.33 Nhar is-06.08.25 irċivejna mingħand Wasteserv li l-applikazzjonijiet għal Waste Reduction Week 2025 li ser issir bejn it-22-30 ta' Novembru 2025 ser jiftħu f'Settembru.

52.04.34 Nhar is-06.08.25 irċevejna Cir AKL 2025/047 Ingħaqdu maġġna fil-"Smart City Expo 2025" -Esperjenza u Opportunitajiet ta' Kollaborazzjoni.

52.04.35 Nhar is-06.08.25 irċevejna Cir AKL/Reġjuni 003/2025 – Sejħa għal Nominazzjonijiet@ Parteċipazzjoni fil-Kaleici Old Town Festival2025 li ser isir gewwa Antalya it-Turkija bejn 9 sa 12.10.25.

52.04.36 Nhar is-06.08.25 irċevejna mingħand DLG rigward EUI-URBACT Sustainable Urban Development Newsletter – VOL 1/2025

52.04.37 Nhar is-07.08.2025 irċevejna Ċir AKL/Reġjuni 004/2025 _ New CEMR task force on housing – Express your Interest

**52.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

52.05.01 Is-Sindku ta' Ħal Safi semma l-progett pilota ta' Tazza waħda

52.05.02 Is-Sindku ta' Ħal Safi staqsa rigward l-andament tal-laqgħa mas-Sur Flores LESA. Il-President qara il-minuti tal-laqgħa li saret nhar it-23.07.25 u dawn ġew diskussi waqt il-laqgħa. Is-Sindku tal-Mqabba staqsiet dwar kif jistghu l-attivitajiet li diġa applikaw għalihom u saru jinqalbu fuq l-NGOs rispettivi.

**52.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

52.06.01 Kwotazzjoni RFQ228/2025 Request For Quotation For the Purchase of Customized T-Shirt

52.06.02 Kwotazzjoni RFQ229/2025 Request for Quotation For the Purchase of Crowd Control Barriers.

52.06.03 Kwotazzjoni RFQ230/2025 Request For Quotation for the Purchase of Plastic Tables

52.06.04 Kwotazzjoni RFQ231/2025 Request For Quotation for the Pressing of Olives

52.06.05 Kwotazzjoni RFQ322/2025 Request For Quotation for Metal Plate Signs

**51.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**51.07.01** Kwotazzjoni RFQ229/2025 – Request For Quotation for the Purcashe of Crowd Control Barriers

Il-President informa li ntbagħtu tliet inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.07.02** Kwotazzjoni RFQ230/2025 Request For Quotation for the Purchase of Plastic Tables

Il-President informa li ntbagħtu sitt inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna ħames offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.07.03** Kwotazzjoni RFQ231/2025 Request For Quotation for the Pressing of Olives

Il-President informa li ntbagħtu tlett inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna żewġ offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.07.04** Kwotazzjoni RFQ322/2025 Request For Quotation for Metal Plate Signs

Il-President informa li ntbagħtu erba' inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet offerti. Il- President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.40**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 40.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**51.09 Materji Oħra**

**51.09.01 – Rikjesta għall-siegħat tax-xogħol ridotti**

Wara talba li saret mill-Adminstration Officer II, AV, sabiex taħdem siegħat ridotti biex sabiex tkun tista' tkompli bl-istudji tagħha, il-President ippropona li AV tingħata dawn iż-żewġ alternattivi;

1. Tkompli id-degree li kienet diġà bdiet ġewwa l-MCAST full-time u taħdem siegħat ridotti fir-Reġjun ta' mhux inqas minn 30 siegħa

   JEW

2. Ir-Reġjun iħallas Masters Degree Part-time wara il-ħin tax-xogħol lil AV filwaqt li hi tkompli taħdem full-time fir-Reġjun Punent. Jekk ittemm il-kors b'suċċess u tikkwalifika għall-iskema 'Get Qualified' hi tirritorna 70% tal-pagament lura lir-Reġjun. Hi tkun marburta ukoll li ma tistax tħalli l-impjieg tagħha fir-Reġjun għal 5 snin. Jekk titlaq qabel trid tħallas lura;

   - L-ewwel sena 100%
   - It-tieni sena 80%
   - It-tielet sena 60 %
   - Ir-raba' sena 40%
   - Il-ħames sena 20%

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.09.02 Kuntratt tal-Libreriji Pubbliċi**

Il-President ippropona sabiex l-ispiża ta' l-avukat dwar il-kuntratt tal-libreriji pubbliċi tkun koperta mir-Regjun. Propona li l-avukat terġa iddur il-kuntratti sabiex tara li kollox hu konformi mal-liġi. Informa ukoll li kien hemm qbil li l-kuntratti diġa ffirmati kienu ser jigu emendati kif meħtieġ.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.09.02 Għajnuna lil JMI għall-organizzazzjoni tal-AGM 2027**

Il-President ippropona sabiex sabiex nibgħatu lil JMI biex nuru interess u ngħinu fl-organizzazzjoni sabiex l-AGM 2027 isir Malta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.09.04 Parteċipazzjoni fil-Kaleici Old Town Festival 2025 - Antalya**

Il-President ippropona li nistaqsu lil Maniġer tal-Kultura u tal-Fondi Lokali u EU jekk jistgħux jattendu għall Kaleci Old Town Festival li ser isir f' Antalya it-Turkija bejn it-08 u 13 ta' Ottubru 2025

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**51.10 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **l-Ħamis 4 ta' Settembru 2025 fil-5.00pm**

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum